MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1380/1993/1

**Joseph Muscat**

**Vs**

**Joseph Chetcuti u Saviour Galea**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi kien jezisti ftehim antik bejn l-attur u bdiewa ohra fosthom l-istess konvenuti dwar id-dritt ta' gbir ta' ilma mil-ispiera maghrufa bhala "is-Sienja l-Bajda" u li tinsab f'ghalqa denominata "Tat-Tabuni", il-Manikata;

Premess illi skond l-istess ftehim, l-attur kien intitolat li jigbor l-ilma mill-istess spiera ghal sittax-il siegha kull erbat ijiem kif ukoll sittax-il siegha ohra bejn is-Sibt fil-ghaija sal-Hadd darba kull gimghatejn;

Premess illi l-konvenuti flimkien ma' bdiewa ohra qabbdu u ghamlu ftehim iehor dwar il-gbid ta' l-istess ilma u dana minghajr il-kunsens u konsapevolezza ta' l-istess attur;

Premess illi skond il-ftehim il-gdid li fih l-attur ma kienx parti, gie akkordat lill-istess attur li jigbed l-ilma bejn is-Sibt fil-ghaxija sal-Hadd ghal sittax-il siegha darba kull erba' gimghat minflok kull gimghatejn kif kienet qabel;

Premess illi b'rizultat ta' dan l-istess ftehim gdid, l-attur gie mizmum mill-konvenut Joseph Chetcuti bejn it-2 u 3 ta' Ottubru 1993 u mill-konvenut l-iehor Salvu Galea bejn it-30 u 31 ta' Ottubru 1993 li jigbed ilma mill-istess spiera;

Premess illi dan jikkostitwixxi spoll vjolenti ghad-dannu ta' l-attur;

Premess illi l-konvenuti interpellati sabiex izommu l-granet u hinijiet antiki dwar id-dritt ta' gbid ta' ilma sakemm jintlahaq ftehim iehor fejn l-attur ikun partecipi, huma baqghu ma wegbux;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jisporgu l-ispoll minnhom kommessi billi fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilhom prefiss jergghu jirripristinaw lill-attur fid-dritt tieghu li jigbed l-ilma mill-imsemmija spiera darba kull gimghatejn bejn is-Sibt u l-Hadd ghal sittax-il siegha;

2. Tordna illi fin-nuqqas li l-konvenuti jisporgu l-ispoll fi zmien lilhom prefiss, jigi awtorizzat l-attur jirripristina hu dan l-istess dritt tieghu ta' gbid ta' ilma fl-istat pristinu tieghu;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni ma setghatx tirnexxi peress lil-gudizzju ma setghax ikun integrui stante li kien hemm diversi persuni ohra nvoluti fil-kwistjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suesport it-talbiet attrici ma kellhomx jigu milqugha stnate li l-konvenuti ma kkagunaw l-ebda spoll lill-attur;

3. Illi l-arrangamenti saru bi qbil bejn il-bdiewa kollha inkluz Joseph Muscat;

4. Illi l-attur ma bata l-ebda dannu u gibed l-ammont ta’ ilma dovut lilu, u hadd ma cahhadlu xejn mid-drittijiet tieghu;

5. Illi l-attur qed jipprova jaghmel uzu minn din il-kawza sabiex ipoggi ruhu f’posizzjoni privileggjata fil-konfront tal-konvenuti u bdiewa ohra;

6. Illi ma sar xejn minn wara dahar l-attur u l-ftehim in vigore li hemm bejn il-bdiewa kollha li ghandhom dritt juzaw l-ispiera in kwistjoni kienu skond il-konswetudni;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet tat-2 ta’ Marzu 1994 li permezz tieghu gie nominat AIC Rene` Buttigieg bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li

jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit tekniku li tinsab a fol. 42 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-3 ta’ Frar 1997;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi azzjoni ta' allegat spoll vjolent li l-attur qed jaddebita lill-konvenuti meta dawn fixkluh milli jigbor l-ilma mill-ispiera, ad uzu komuni bejniethom u ma' ohrajn, sitwata fl-ghalqa denominta "tat-Tabuni", il-Manikata. Huwa ippremetta li z-zmien li fih avvera ruhu l-att spoljattiv minn Joseph Chetcuti kien fil-jum ta' bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 1993 mentri dak kommess mill-konvenut l-iehor Salvu Galea sehh bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru 1993;

Jirrizulta li din l-ispiera jew sienja kienet servjenti lil diversi gabillotti. Skond arrangament prattikat bejniethom qabel l-1993 fil-gurnata tal-Hadd it-tqassim ta' l-ilma kien isir billi sena kienu jerfghu l-qatgha tar-raba li fiha kienu inkluzi l-kontendenti u s-sena ta' wara l-qatgha ta' l-ahwa Muscat li minnha kellu wkoll ix-xhud David Quattromani. Fuq dan il-partijiet huma konkordi. Kif hekk ukoll jezisti qbil bejniethom li fis-sena li fiha kienet tispetta lil qatgha tal-kontendenti, u skond id-daqs ta' l-appezzament tar-raba li kull wiehed minnhom ghandu, l-attur kien itella' l-ilma ghal sittax (16) il siegha kull hmistax. F'dan l-arrangament u ftehim kien ukoll maqbul illi meta Santa Marija tahbat il-Hadd l-ilma kien jibqa' jingabar mill-qatgha li f'dik l-okkazzjoni tkun qed terfa' l-ilma. B'hekk dik il-qatgha kienet tissokta tiehu l-ilma sentejn fuq xulxin. Ara xiehda tal-konvenut Saviour Galea (fol. 109);

Jirrizulta minn diversi xhieda, fosthom anke dik ta' Guzepp Muscat (fol. 104), missier l-attur, li l-interessati kienu ilhom jipprovaw ivarjaw l-arrangament li kellhom dwar it-tnewwib ta' l-ilma, u joholqu sistema aktar addattata u ekwitattiva. Fi kliem il-konvenut Saviour Galea "sal-15 ta' Awissu 1993 kien hemm ftehim li ma baqax accettabbli ghaz-zmien ta' wara" (fol. 108) u allura bl-intervent ta' David Quattromani, gie raggunt qbil li t-tqassim li kien sa dak iz-zmien prevalenti, jinbidel u jsir fuq erba' cippijiet biex kull cipp imissu Hadd kull perjodu ta' erbat Ihdud;

Id-diverbju bejn il-kontendenti jitratta proprju dwar dan l-arrangament il-gdid. Fil-verita` skond l-ispjega li jfornixxi l-attur fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu (fol. 26) id-diskordanza ma tikkolpix il-mod tal-qasma gdida ntrodotta izda pjuttost l-allokazzjoni tal-hin rizervat lilu. Huwa fil-fatt accetta li jkollu sittax (16) il siegha ghad-disposizzjoni tieghu li matulhom ikun jista' jerfa' l-ilma, pero` hu jghid u jsostni illi dawn is-sighat ried jaqsamhom f'darbtejn u cioe` tmien (8) sighat kull gimghatejn;

Il-kontestazzjoni principali hi proprju din;

L-attur isostni illi ghallanqas da parte tieghu ma kienx hemm qbil finali dwar il-metodu l-gdid dwar l-ispartizzjoni ta' l-ilma jew ahjar dwar l-allokazzjoni tal-hin. F'dan hu sostenut minn missieru (fol. 104) u minn martu Teresa Muscat (fol. 102). Ghalhekk ippretenda li l-arrangament precedenti kien ghadu vigenti u meta mar biex jerfa' l-ilma, dejjem skond dan l-arrangament l-antik, hu gie mfixkel u ostakolat mill-konvenuti;

Invece skond il-konvenuti l-arrangament il-gdid kien pacifiku bejn kulhadd, u kien biss wara li s-sistema bdiet tahdem li l-attur kellu ripensamenti u ppretenda li jiehu l-ilma kull gimghatejn fil-kors tar-*roster* li kien imiss lill-konvenuti. Dan allavolja skond ix-xhud David Quattromani (fol. 113) l-attur kien gja refa' ilma l-Hadd ta' qabel skond is-sistema l-gdida ghal sittax (16) il siegha shah. Dejjem skond dan ix-xhud, "Il-Hadd li fih refa' l-attur ma kienx imiss lilu bis-sistema l-antika ghax fil-fatt kien refa' l-Hadd ta' qabel, u ghalhekk kien imiss lil haddiehor.";

Il-provi juru li l-kontendenti bdew jattribwixxu lil xulxin il-htija ghall-indetreggjar mill-ftehim raggunt. L-attur jghid li l-konvenuti kienu qablu mas-suggeriment illi l-hin allokat lilu jigi spartit f'darbtejn kull gimghatejn. Minn naha l-ohra l-konvenuti, sostenuti minn xhieda ohra, *inter alia* Manwel Galea (fol. 116) u Michael Bonanno (fol. 120), jghidu li kien l-attur li l-ewwel accetta l-ftehim il-gdid, u aktar tard, wara li diga` kien beda jahdem, rega' bdielu;

Huwa fuq il-bazi ta' dawn il-provi li l-Qorti trid tinvestiga jekk sarx l-ispoll allegat, jekk l-elementi kostituttivi tieghu gewx pjenement sodisfatti, kompriz ghalhekk xi auto-difesa li fil-kaz partikolari hu konsentit mid-duttrina legali u l-gurisprudenza li tigi konsiderata;

Huwa komunament rikonoxxut l-arrangament li jsir bejn diversi gabillotti ta' bicciet diversi ta' raba li permezz tieghu jirregolaw is-servizz ta' sieqja jew sienja fih sitwata (**Vol. XLII P I p 471**). Dan l-arrangament hu wiehed accettat u jitqies validu ghal dawk li huma obbligazzjonijiet reciproci fir-rapporti bejn xulxin. Tali ftehim jista' jikkoncerna l-uzu u t-tqassim ta' l-ilma u la darba milhuq wiehed ghandu jipprezumi illi dak kien l-arrangament indikattiv ta' distribuzzjoni ekwitattiv ghall-vantagg rispettiv reciproku. Addirittura jinghad li "tigi logika l-konsegwenza li t-tribunal ma ghandux ikun facli li jvarja dik ir-ripartizzjoni konsenswali, ammenokke ma jirrikorrux xi ragunijiet sufficjentement serji li jiskwotu l-bazi ta' dak l-arrangament" - "**Filippo Balzan et -vs- Paolo Caruana**", Appell Civili, 19 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV P I p 186);

Ftehim konsimili hu indubbjament tutelabbli fil-possessorju bl-azzjoni ta' re-integranda, "*quando quel possesso risulta da uno stato di cose a cui spogliato e spogliante avessero aderito o si fossero acquietati, poiche oggetto dell' azione e` un possesso qualunque esso sia, e perche fondamento dell' azione e` quello di mantenere l'ordine pubblico*" ("**Capitano Roberto Mizzi noe -vs- Francesco Sant**", Appell Civili, 14 ta' Frar 1921);

Dan it-taghlim hu ricevut f'bosta decizjonijiet koncernanti l-*modus operandi* bejn gabillotti u utenti tar-raba. *Ad exemplum*, dawk riportati a **Vol. XXXIII P I p 55; Vol. XXXVIII P I p 240; Vol. XXXIX P I p 123;**

Issa biex l-attur jirnexxi fl-azzjoni minnu promossa biex dejjem, skond hu, jigi integrat fid-dritt li fih jippretendi li gie turbat, jehtieglu jipprova li fil-mument tal-kummissjoni tal-fatt anti-guridiku huwa kellu l-pussess fuq il-haga u mhux biss juri li ghandu dritt. Huwa bizzejjed maghruf illi "*l'azione di spoglio non puo` essere esercitata da chi decade col suo fatto e per propria colpa dal possesso"* ("**Muscat -vs- Buttigieg**", 9 ta' Marzu 1876;

Fil-kaz *de quo* certament ma jirrizultax li xi hadd fost il-konvenuti nnega li l-attur ghandu sehem mit-tqassim ta' l-ilma. Dak li jinsab kuntrastat hu l-fatt illi fil-gurnata tal-Hadd partikolari l-attur ma kellux il-jedd li ppretenda li kellu. Dan ghaliex bejniethom u ohrajn kien intervjena arrangament li permezz tieghu l-attur innifsu kien akkonsentixxa ghalih. Konsegwentement, dejjem fil-fehma tal-konvenuti, kien l-istess attur, li nonostante l-approvazzjoni inizjali minnu moghtija, ikkommetta spoll fil-konfront taghhom meta ppretenda li fil-jum li kien jispetta lilhom huwa jerfa' l-ilma;

Kuntrarjament ghal dak sostenut mill-perit tekniku, li wara kollox fl-atti istruttorji tal-process tikkostitwixxi prova kontrollabbli mill-gudikant, il-Qorti tinklina versu l-versjoni tal-konvenuti, kif korroborata mix-xhieda minnhom prodotti, illi tabilhaqq l-arrangament il-gdid dwar l-ispartizzjoni ta' l-ilma kien milhuq *in idem consensu*. Kwalsiasi ripensament li seta' kellu l-attur dwar id-distribuzzjoni tal-hin ma jinnewtralizzax l-arrangament raggunt;

Imbaghad ukoll "*nessuno nega che sia lecito non soltanto di conservare e difendere colla forza il possesso ma di ricuperare eziando colla forza il posseso, per effetto della violenza perduta*" (**Vol. XXIV P I p 281**);

Fil-kaz *de quo* minn dak rizultanti mid-deposizzjoni ta' l-istess attur proprju fl-ahhar seduta tenuta fit-2 ta' Ottibru 1996 (fol. 123), l-azzjoni tal-konvenut Joseph Chetcuti, li lilha l-attur jattribwilha l-veste ta' att spoljattiv, giet appplikata *confestim* u *in continenti*, kif dawn il-kuncetti huma ahjar imfissra fid-decizjoni appena citata u fil-kawza fl-ismijiet "**Gorg Camilleri -vs- George Bonello**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998;

Fuq il-punt ta' l-element intenzjonali bhala rekwizit ta' l-azzjoni ta' spoll privileggjat illum dan gie ghal kollox abbandunat in kwantu fuq is-suggett x'jghidu jew ma jghidux guristi taljani u francizi dan hu aljen ghas-sistema tal-ligi taghna. *Inter alia*, id-decizjonijiet recensjuri li iddikjaraw li l-gurisprudenza li stabbilit li hu rikjest l-*animus spoliandi* fl-agir ta' l-ispoljatur hi sorpassata huma dawk fl-ismijiet "**Carlo Cardona -vs- Francesco Tabone et**", Appell, 1 ta' Marzu 1992; "**P.L. Anthony Buhagiar -vs- Mikiel Farrugia**", Appell, 11 ta' Novembru 1997; "**Perit Carmelo Bonanno -vs- John Bartolo et**", Appell, 5 ta' Ottubru 1998 u "**Dimitry Orlav et -vs- Edward Pavia proprio et nomine**" Appell, 14 ta' Jannar 2002;

Kif gja fuq rilevat din il-Qorti hi sodisfatta li l-att li minnu llamenta l-attur mhux biss ma jurix li kien hemm negazzjoni jew uzurpazzjoni tad-drittijiet tieghu izda li l-istess att ma kienx jikkostitwixxi spoll jew, jekk kien, l-att sar biex jirrepella l-agir tieghu li f'dik l-okkazzjoni kien intiz li jispossessa lill-konvenuti mill-uzu li kien jispetta lilhom mill-ilma tas-sienja. L-aditu lil Qorti mill-attur fil-kaz *de quo* ma tidhirx kollox ma' kollox li kienet wahda gustifikata.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad ghal kollox it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu ta' l-attur.

---------------------------------TMIEM---------------------------------